



2025/2634

23.12.2025

**DEĊIŻJONI nru 2/2025 TAL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-PAJJIŻI TA' TRANŻITU
KOMUNI STABILIT BIL-KONVENZJONI FUQ IS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-FORMALITAJIET FUQ
IL-KUMMERĊ F'MERKANZIJA**

tad-19 ta' Settembru 2025

fir-rigward tal-istedina biex ir-Repubblika tal-Moldova taderixxi ma' dik il-Konvenzjoni [2025/2634]

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-CTC,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Repubblika tal-Moldova esprimiet xewqitha li taderixxi mal-Konvenzjoni fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija ("il-Konvenzjoni").
- (2) L-iskambju tal-merkanzija mar-Repubblika tal-Moldova se jkun iffaċilitat permezz ta' simplifikazzjoni tal-formalitajiet li jaffettwaw il-kummerċ f'merkanzija bejn dak il-pajjiż u l-Unjoni Ewropea, il-Georgia, l-Iżlanda, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, is-Serbja, l-Iżvizzera, it-Turkija, l-Ukrajna u r-Renju Unit.
- (3) Bil-ħsieb li tinkiseb din il-faċilitazzjoni, jixraq li r-Repubblika tal-Moldova tiġi mistiedna taderixxi mal-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Moldova għandha tiġi mistiedna taderixxi mal-Konvenzjoni fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija f'konformità mal-Artikolu 11a ta' dik il-Konvenzjoni, mill-1 ta' Novembru 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul f'Bern, id-19 ta' Settembru 2025

Għall-Kumitat Konġunt EU-CTC

Il-President

Marco BENZ

⁽¹⁾ ĠU UE L 134, 22.5.1987, p.2, ELI : <http://data.europa.eu/eli/convention/1987/267/oj>.